MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 190/2008

**Mobisle Communications Limited (C - 24655)**

**-vs-**

**SCF Holdings Limited**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li biha s-socjetà attrici talbet lis-socjetà konvenuta thallas is-somma ta' sitt mija u hamsa u disghin Euro u sebgha u hamsin centezmu (€695.57) – (Lm298.61) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjetà konvenuta lil Mobisle Communications Limited skond *Client Contract Number 1010432* in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjetà attrici u ghax-xhur bejn Frar 2007 u Awissu 2007. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Jannar, 2008, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-att, u bl-imghaxijiet mid-data tal-pagament effettiv kontrra s-socjetà konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjetà konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li s-socjetà konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas is-somma ta' sitt mija u hamsa u disghin Euro u sebgha u hamsin centezmu (€695.57) – (Lm298.61), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjetà konvenuta.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------